MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 20/1998/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Paul Axiaq ghall-Utile Dominju Temporanju u Kuraturi Alfred u Joseph Manduca ghad-Dirett Dominju Temporanju u sussegwenti assoluta proprjeta'**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 12 ta' Marzu, 1998 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond fil-Hamrun nru 14, Appartamenti nri 4 u 5 Broad Street, Hamrunhuwa ta' tlett elef mija u disgha u sebghin Liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm3,179.11) ghall-utile dominju temporanju u mija sitta u sittin lira u tmenin centezmu (Lm166.80) ghad-dirett dominju temporanju u sussegwenti assoluta proprjeta kif

jidher mir-rapport tal-Perit Fred H. Valentino A&CE tas-26 ta’ Marzu 1997 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali tal-24 t’April 1998 l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun akbar.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv ghal dak li jirrigwarda l-utile dominju perpetwu tal-istess art, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta ta’ Paul Axiaq li tghid:

Illi l-esponent gia ssenjala b’ittra lir-rikorrenti illi huwa jaccetta s-somma lilu offerta ta’ Lm3,179.11 ghall-utile dominju temporanju tal-fond de quo. Konsegwentement ma ghandux ibati spejjes tal-procedura;

Ra r-risposta ta’ Alfred u Joseph Manduca li tghid:

Illi ghalkemm l-esponenti mhux qed jikkontestaw it-talba tar-rikorrent huma jissottomettu illi l-ammont tal-kumpens li ghandu jigi mhallas lilhom huwa dak minnhom pretiz u mhux dak lillhom offrut;

Illi fit-tieni lok, il-kumpens offrut huwa leziv ghad-drittijiet fondamentali taghhom billi ma nghatawx kumpens adegwat u konfacenti mal-valur tad-dirett dominju temporanju;

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2008 minn fejn jirrizulta illi r-rikorrenti ceda l-kawza fil-konfront tal-intimat Paul Axiaq u b'hekk l-Bord astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors fil-konfront biss tal-istess Paul Axiaq;

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Joseph Mizzi wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi il-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' fabbrikabbli u li l-valur tal-istess proprjeta' kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont **ta' Lm830.51 ossia Euro 1934.57 ghad-Direttarji.**

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat Alfred u Joseph Manduca nomine qua kuraturi ghas-sidien mhux mgharufa li titrasferixu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut, il-fond fi-Hamrun Nru 16, Appartamenti 4 u 5, Broad Street, bil-kumpens ta' elf disa mija erba u tletin euro u seba u hamsin centezmu ghad-dirett dominju temporanju u sussegwenti assoluta proprjeta oltre l-imghax legali spettanti lil-intimat. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-1 ta' Dicembru 2010 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u

jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet, hlief ghal Paul Axiaq, fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------